MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 2488/2003

**Emanuel Ghigo**

**Vs**

**Antoine Piscopo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta Dicembru 2003 fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma seba mija u hamsin lira (Lm750) rapprezentanti danni kagonati fil-vettura tal-attur numru DBA 232 f'incident stradali li sehh nhar il-19 ta Lulju 2003 meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura BAJ 962 ghal liema ncident kien unikament responsabbli l-istess konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 21 ta Jannar 2004 fejn ikkontesta r-responsabbilita tal-incident in kwistjoni b'riserva ghal prezentata ta eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti.

Ezamina n-nota ta osservazzjonijiet prezentata mill-attur.

Ikkunsidra.

Illi l-incident stradali in kwistjoni sehh bejn zewg vetturi miexjin fid-direzzjoni opposta ta xulxin. L-attur jallega li fil-mument tal-impatt huwa kien wieqaf bil-hsieb li jdur gewwa triq fuq ix-xellug tieghu filwaqt li l-konvenut li kien gej mid-direzzjoni opposta bi speed qawwi, hekk malli rah, ghafas il-brakes, ma zammux u baqa diehel go fih. Il-hsara fuq il-vettura tieghu kienet fuq in-naha ta quddiem pjuttost lejn in-naha tas-sewwieq. L-attur jaqbel mal-iskizz esebit a fol 6 tal-process bid-differenza pero li t-trieq ma kienitx gejja ghad-dritt kif jidher fuq l-istess izda pjuttost ghat-tond kif fil-fatt jixhdu r-ritratti minnu esebiti fix-xhieda tieghu stess. Huwa jzid ighid li peress li t-triq tax-xellug hija pjuttosta dejqa kellu jaghmel manuvra li jikser ftit il-barra biex ikun jista jippunta ghaliha. Dawn iz-zewg fatturi gew konfermati mill-pulizija li nvestiga l-kaz u hejja r-rapport u skizz relattiv kif tirrizulta mix-xhieda guramentata tieghu. Dan il-pulizija jikkonferma wkoll il-brake marks li halla l-konvenut u l-fatt li l-attur baqa fuq in-naha tieghu tat-trieq.

Il-konvenut jallega li huwa kien miexi fid-direzzjoni ta Hal Far gewwa Triq mimlija liwjiet. Hu kien miexi fuq in-naha tieghu tat-trieq u hekk kif wasal fejn il-Kappella sab lill-attur gej mid-direzzjoni opposta fuq il-karreggjata tieghu. Ighid illi minnhabba l-konfigurazzjoni tat-trieq lill-attur ma setax jarah qabel l-impatt – kif kiser ezatt sabu ma wiccu. Jaqbel pero li huwa nduna li l-attur kellu l-intenzjoni li jdur ghal gewwa triq Sant'Agatha peress li biex iddur 'l hemm bil-fors trid taghmel manuvra ta kurvatura kif kien qed jaghmel l-attur. Ighid ukoll li huwa kien miexi ghad-dritt on top gear u ma kellux ghalfejn idur ghal imkien u kien

ghaddej bi speed regolari filwaqt li l-konvenut kien ghaddej bi speed rallentat stante li kellu l-intenzjoni li jdur.

Illi l-kwistjoni li ghandha tigi determinata f'dan l-incident stradali hi jekk il-kawza prossima kienitx il-fatt li l-attur kien qieghed fuq il-karreggjata tal-attur jew il-ghaliex il-konvenut kien qed isuq b'manjiera ngeligenti u bi speed elevat ghal dik il-lokalita. Mill-provi prodotti nkluz l-iskizz tal-pulizija ghandu jirrizulta mhux kontradett illi:-

1. It-trieq fejn gara l-incident hija pjuttost dejqa – kemm kemm ighaddu zewg vetturi;
2. l-attur kien wieqaf bil-hsieb li jdur ghal trieq fuq ix-xellug tieghu;
3. Illi sabiex jaghmel tali manuvra ta bil-fors ried jehodha b'kurvatura;
4. il-konvenut ra lill-attur l-ahhar mumenti tant illi ma kienx ra lill-attur qabel l-impatt;
5. Il-konvenut kien miexi on top gear bi speed regolari gewwa trieq dejqa mimlija liwjiet –
6. il-konvenut halla brake marks ghal certu distanza sinifikattivi.

Ma dawn il-fatti mhux kontestati wiehed huwa mportanti li jigi rilevat li kemm mill-iskizz u kif ukoll mix-xhieda guramentata tal-pulizija jirrizulta li l-attur baqa dejjem fuq il-karreggjata tieghu.

Illi in vista tal-premess ghalhekk ghandu jirrizulta li l-attur ma kellu ebda htija ghall-impatt li sehh liema ncident gara minnhabba nuqqas ta diligenza adekwata operata mill-konvenut ghall-inhawi in kwistjoni. Kien ghaddej bi speed elevat partikolarment meta tqis il-konfigurazzjoni u djuq tat-trieq in kwistjoni. Tant hu hekk li l-konvenut stess ighid li lill-attur ma kienx rah qabel l-impatt minnhabba l-konfigurazzjoni tat-trieq. Ma jirrizultax kif jallega l-konvenut li l-attur kien fuq in-naha l-hazina tat-trieq. Il-brake marks li halla warajh il-konvenut huma ndikazzjoni mhux biss tal-ispeed li bih kien gej izda wkoll id-distanza li kien hemm bejn iz-zewg vetturi fil-mument meta l-konvenut lemah lill-attur l-ewwel darba – distanza li kienet tippermetti tul ta vizwali abbastanza biex jigi evitat l-

incident li kieku l-konvenut kien qed isuq aktar bil-galbu. Dan il-fatt jinsab ikkonfermat ukoll mir-ritratti esebiti EG 1 sa EG 8.

Illi dwar il-valur tad-danni dawn gew ampjament ippruvati kemm mid-dokumenti esebiti u kif ukoll mix-xhieda tal-attur bil-gurament tieghu oltre ghall-fatt illi ma jidhirx li dawn kienu qed jigu kontestati mill-konvenut.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed ghar-ragunijiet premessi jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li l-konvenut Antoine Piscopo kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni kwindi jichad l-eccezzjoni minnu sollevata, jilqa t-talbiet tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba ta seba mija u hamsin lira bl-imghax legali dekorribbli mid-data tas-sentenza u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------